**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

Id-Disa' Leġislatura

**Laqgħa Numru Dsatax (20)**

**30 ta' Settembru 2025**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq It-Tiġrija. Il-laqgħa tal-kunsill bdiet fil-18.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

**Victor Curmi- Sindku**

**Aaron Aġius – Viċi Sindku**

**Dr Francienne Muscat- Kunsilliera**

**Marion Rita Portelli- Kunsilliera**

**Leanne Micallef- Kunsilliera**

**Dr Kevin Cutajar- Kunsillier**

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**Dr. Christian Zammit - Kunsillier**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Heidi Grech – Segretarju Eżekuttiv

## 20.1 Talba

Intqagħlet talba tal-bidu flimkien. Is-Sindku s-Sur Victor Curmi ippresieda l-laqgħa.

## 20.2 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

Il-Kunsill irċieva ittra ta' apoloġija mingħand il-Kunsillier Dr. Christian Zammit fejn talab li jiġi skużat minħabba impenji ta' safar. It-talba tiegħu kienet milqugħa.

## 20.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 19 u Skeda ta' Pagamenti 8;

Il-minuti tal-Laqgħa Nru 19 kif ukoll l-Iskeda ta' pagamenti No 8 ġew iċċirkulati minn qabel mis-Segretarju Eżekuttiv u għaldaqstant ġew meqjusa bħala moqrija. Il-Kunsilliera Leanne Micallef talbet emenda sabiex titniżżel li hi kienet fakkret fiż-żebra crossing u linji sofor fi Triq Kortoll. Il-Kunsillier, Dr. Kevin Cutajar staqsa dwar xi pagamenti li kienu mniżżla fl-iskeda u dawn ġew spjegati mis-Seg. Eżekuttiv. Ġew diskussi wkoll l-invoices tal-Perit taċ-Ċentru Ċiviku fejn ġie spjegat li l-pagament fix-xahar huwa ta' €3637.49 skont il-Kuntratt li ngħata mill-Kunsill. Ix-xogħol ilu li beda minn meta beda t-twaqqigħ tal-post u dawn il-kontijiet jirriflettu ix-xhur kif imniżżla jiġifieri l-perjodu ta' Novembru u Ottubru 2023 kif ukoll ta' Jannar u Frar 2024. Il-Kunsill jrid jirċievi l-fatturi għal perjodu minn Marzu 2025 sal-lum. Il-Perit qed jiġi mitlub jippreżenta r-rapporti kif hu stipulat fl-istess kuntratt. Il-Kunsillier Kevin Cutajar talab li jekk dan il-Kuntratt ser jiġi diskuss hu jitlob li joħroġ minħabba li ddikjara relazzjoni familjari, kif ukoll li ma japprovax pagamenti fejn hemm imsemmi l-istess Perit.

Il-Minuti numru 19 kif ukoll l-iskeda ta' pagamenti numru 8 ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Għal daqstant dawn huma meqjusa bħala dokumenti uffiċċjali.

## 20.4 Komunikazzjoni tas-Sindku u mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

Is-Sindku Victor Curmi ppropona li ssir Nativita' ħdejn in-Nuffara, fejn il-BVB. Hu spjega li hemm persuna li lesta li tagħmilha b'xejn imma l-Kunsill jipprovdilu l-materjal u d-disinn. Kien hemm qbil li naraw kemm se tiġi l-ispiża u jsir id-disinn.

Mill-Kunsilliera Francienne Muscat

- Għat-Treasure Hunt inkitbu 5 gruppi u ħadu gost. Kien hemm qbil lii jingħataw it-tokens waqt l-Autumn Fest, u ssuġġeriet li ssir Treasure Hunt oħra fi żmien l-Għid.

- S-sena l-oħra l-Kunsill ħa sehem fil-week waste reduction. Infurmat lill-membri li kif kien maqbul tkellmet mal-iskola u ser jerġgħu jipparteċipaw. Kien hemm qbil sabiex titkellem mal-iskola u man-Nature Trust sabiex issir f'Novembru.

- Staqsiet għal update dwar il-GO box. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmata li minkejja d-diversi reminders għadna bla risposta.

- Ssuġġeriet li ssir Clean up day oħra mal-Kunsill tat-tfal li ssir fil-weekend. Kien hemm qbil dwar dan.

- Talbet update dwar ir-relocation tal-BCRS. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li biex issir fil-post identifikat trid issir trinka tad-dawl minħabba li d-dawl ma jasalx sa hemm. Biex isir dan hemm spiża ta' madwar 10K. Ġie maqbul li noffru post alternattiv li huwa fi Triq tat-Tafla, ħdejn il-Bins. Se nkunu qed nikkomunikaw mal-BCRS dwar dan.

- Semmiet li reġa hemm dwal tal-knisja maħruqin. Is-Sindku Victor Curmi nfurmha li nħaraq bis-sajjetti. Semmiet ukoll 3 lampi ġodda li għadhom ma xegħlux. Seg. Eżekuttiv se terġa tibgħat lil Enemalta.

- Staqsiet update dwar il-fairy lights tal-Pjazza għas-Sajf. Kien hemm qbil li nkellmu lil tal-Armar biex nużaw l-arbli.

- Staqsiet meta se jsiru x-xogħolijiet ta' resurfacing ta' Triq il-Knisja u Triq it-Tiġrija. Is-Sindku Victor Curmi qal li tkellem mal-Kuntrattur li bħalissa għaddej bix-xogħol ġewwa Sannat u wara għandu jiġi x-Xagħra.

- Staqsiet dwar l-istadju tal-proġett Kalypso. Is-Sindku Victor Curmi wieġeb li kien hemm PQ dwar dan, u l-proġett se jsir. Talbet li nitolbu għal update u kopja tal-proġett lil MGP.

- Dwar Triq Karkar – Staqsiet update dwar il-BOQ għal resurfacing. Is-Sindku Victor Curmi wieġeb li irċivejna żewġ BOQ's, waħda bis-siment u oħra bit-tarmak u dawn għaddejnihom lill-MGP.

- Dwar Sqaq in-Nenus – Qed nistennew il-BOQ mingħand il-Perit tal-Kunsill.

- Semmiet li kienu saru t-trinek għad-dwal fil-pjazza biex jgħaddu d-dawl u baqgħu ma ntużawx. Kien hemm qbil sabiex niktbu lill Enemalta għal update u għaliex ma humiex jintużaw.

- Semmiet li hemm xi passaġġ li għandu bżonn isir bis-siment ħalli jkunu jistgħu jgħaddu bl-inġenji. Dan biex jgħaddu għal Għajn Ħosna. Is-Sindku Victor Curmi wieġeb li l-aħjar jiġu hawn u japplikaw.

- Ressqet talba minn resident sabiex issir tinda ħdejn il-Ġgantija ħalli jkun jista joħroġ bil-karozzin. Is-Sindku Victor Curmi wieġeb li jindika l-post eżatt fejn u terġa titressaq għal deċizjoni.

- Semmiet dwar EU Funds – Is-SE infurmata li sa issa għad ma kellniex fuq hiex napplikaw.

- Semmiet dwar iċ-ċangatura ta' ħdejn il-Mitħna. Is-Sindku Victor Curmi nfurmha li kif kien diġa ppropona u ġie maqbul fil-laqgħa preċedenti, se jkun qed jiltaqa mal-Perit fuq il-post sabiex issir applikazzjoni għal fondi tad-DPF biex b'hekk jkun jista jsir xogħol ta' tisbiħ.

- Talbet update dwar triq Pergla – Il-Kunsill għad ma għandux risposta.

**Mill-Kunsillier Kevin Cutajar**

- Staqsa dwar id-dwal taż-Żebra Crossing – Is-SE infurmatu li jixgħelu tajjeb qegħdin.

- Staqsa jekk irċivejniex ir-rapport ta' Traffic Management mingħand il-Perit Mariello Spiteri – Sa issa għadu le.

- Fakkar fil-bankina tal-Mitħna – se titranġa

- Semma dwar id-dwal tal-Mitħna – Is-SE infurmatu li kollha qed jixgħelu.

- Semma dwar il-bżonn li jsir tiżbiħ tal-Fontana li hemm ħdejn il-Mitħna. Is-SE infurmatu li diġa applikajna għall-fondi.

- Ssuġġerixxa li ntellgħu post bħala warning fuq il-paġna tal-Kunsill li issa għandna l-cameras. Is-Sindku Victor Curmi qal li ntellgħu messaġġ ġenerali meta jkollna CCTV cameras jaħdmu.

- Staqsa għal update dwar Triq Karkar – Is-Sindku Victor Curmi wieġeb li diġa wieġeb lil Dr. Francienne Muscat dwar dan.

- Ressaq talba biex isir knis regolari fi triq Karkar.

- Talab għal update fuq Triq il-Knisja wara x-xita li saret. Is-Sindku nfurmah li ġie l-Perit tal-MGP u qed jieħdu ħsiebha.

- Staqsa x'se jiġri dwar iż-Żebra Crossing ta' Triq it-8ta' Settembru. Qal li hemm persuni li lesti jaċċettaw li ssir quddiem ir-residenza tagħhom fil-kantuniera. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret fil-problema ta' telf ta' parkeġġ, kif ukoll problema biex issir f'kantuniera. Ma ttieħdet l-ebda deċizzjoni dwar dan għaliex iridu jinstabu residenti li jkunu kuntenti li ssir quddiem tagħhom u jitilfu l-parkeġġ.

- Semma li dwar l-ilment ta' Triq Gorf, tkellem mal-management tas-sidien tal-buses il-ħomor u se jaraw x'jistgħu jagħmlu biex ma jiltaqgħux il-buses flimkien huma u għaddejjin.

- Semma s-sotto kumitat tad-diżabilita' li pprova jlaqqgħu kemm il-darba pero ma rnexxilux. Se jerġa jipprova jlaqqgħu għal Ottubru.

- Semma xi punti li ġew diskussi fil-laqgħa mal-Pulizija tal-Kommunita'

Ssir karreġġjata fil-pjazza għaliex b'hekk biss ikunu jistgħu jieħdu passi meta jkun hemm id-double parkings. Kien hemm qbil li nitkellmuha ma TM.

Ssemmew id-derilict cars li għandhom bżonn jitneħħew. Is-Sindku Victor Curmi wieġeb li l-problema hija li Għawdex ma hawn kuntrattur li jista joħodhom.

**Mill-Kunsilliera Marion Portelli**

- Semmiet il-bżonn li jerġgħu jinżebħu sinjali sofor – se tgħidilna bil-post ta' fejn qegħdin.
- Staqsiet meta ser jibdew jeħlu l-cameras – Seg Eżekuttiv wieġbet li qed nistennew il-bank guarantee u nibdew.
- Semmiet il-bżonn li jinżebħu l-bankijiet li hemm ħdejn tal-iscouts
- Fakkret fil-Clean Up Day u fis-sezzjonijiet tal-Keep Fit li se jsiru t-Tlieta u l-Ħamis.

**Mill-Kunsilliera Leanne Micallef**

- Semmiet il-bżonn li ssir bozza jew sign quddiem iz-zebra crossing ta' ħdejn il-Knisja. Is-Sindku Victor Curmi wieġeb li din suppost li se tinqala u ssir mill-ġdid.
- Ressqet il-bżonn li terġa teħel it-tabella tad-disabled parking fil-pjazza.
- Semmiet il-bżonn li jinbidel il-feature tal-fb page tal-Kunsill
- Semmiet il-każ tal-permess li kien ingħata n-Nazzarenu. Is-Seg. Eżekuttiv spjegat illi fuq struzzjoni tagħha, il-permess ta' resident kien ġie miċħud u dan minħabba li kienu għaddejjin ix-xogħolijiet tal-Enemalta. Ma kinitx infurmata illi l-Kuntrattur kien twaqqaf mix-xogħol u allura malli kienet infurmata b'dan il-permess ġie approvat.
- Staqsiet jekk il-Kunsill għandux xi ħaddiem ġdid. Is-Seg. Eżekuttiv wieġbet li beda s-Sur William Spiteri, ħaddiem tal-CWSF u sejjer tajjeb ħafna.
- Staqsiet dwar ta min hu x-Xelter tal-Pjazza. Is-Sindku Victor Curmi infurmha li qed naħdmu fuqha u se jsir id-devoluzzjoni.
- Semmiet li hemm fontana fi Triq Otto Beyer li għandha bżonn titranġa ftit.
- Semmiet id-diżappunt dwar id-diżastru ta' kif tħalla s-siment fi Triq Ġnien Xibla fin-Nazzarenu. Se nkellmu lill-Kuntrattur.
- Semmiet li għada se jkun hemm il-Mascot l-iskola biex min jista jattendi.

- Ressqet it-talba għal kollaborazzjoni mal-Knisja Nazzarenu sabiex ittellgħat l-attivita' tal-festa. Kien hemm qbil li nikkolaboraw bħal ma sar fis-snin preċedenti.
- Semmiet li lesta tagħti l-kontribut tagħha fil-pjan tal-playinfield.

**20.5 Ċentru Ċiviku;**

Is-Sindku ta update dwar il-progress taċ-Ċentru Ċiviku hekk kif wara l-festa ix-xogħol reġa qiegħed ikompli. It-taraġ imbena, l-ġibja tlestiet u bdew il-ħitan man-naħa tas-sqaq biex issa wasal fil-livell tat-triq.

**20.6 Triq it-28ta' April 1688;**

Ingħata update dwar il-laqgħa li saret ma Transport Malta fejn ġejna nfurmati li t-tabelli tal-one ways ta' Triq it-28ta' April ma sarux fil-post skont dak approvat minn Transport Malta. Is-Segretarju Eżekuttiv qassmet kopja tal-pjanta li ngħatat minn TM u li fiha turi fejn suppost twaħħlu t-tabelli. Is-Sindku spjega li ma kienx jaf b'dan u għalhekk qed iressaq dan għad-diskussjoni tal-Kunsill. Il-materja ġiet diskussa u minkejja li kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jkun inline ma dak approvat minn TM, ssemmew diversi punti li ser jaffettwaw lit-traffiku. Għalhekk kien hemm qbil li għandna nitolbu laqgħa mal-Perita ta' TM ħalli naraw x'jista jsir.

Ma TM flimkien mal-Perit tal-Kunsill ġie diskuss ukoll it-Traffic Management plan ta' Triq il-Knisja ma Triq tal-Marġa. Il-Kunsill ġie nfurmat li TM qed jitolbu li r-roundabout issir tal-concrete u mhux biż-żebgħa. Talbet xi tibdil ieħor li se jkun qed jipprepara l-Perit tal-Kunsill. Ġie diskuss ukoll it-TM ta' Sant Anton fejn Transport Malta qablu li hemm periklu li jrid jiġi ndirizzat. Hawn ukoll, il-Perit tal-Kunsill se jkun qed jipprepara TM kif ukoll se jipprepara l-kaxxi tal-parkeġġ għal-Pjazza tal-Mitħna. Dawn lkoll ser jintbgħatu lil Transport Malta għall-approvazzjoni tagħhom. Kien hemm qbil dwar dan.

**19.7 Il-Festa u l-Attivita' tal-Pet Fun Day**

Is-Sindku Victor Curmi tah update dwar l-attivita' tal-Pet Fun Day li se ssir il-Ħadd, 5ta' Ottubru 2025. Se jkun hemm tinda kbira u oħrajn żgħar, b'diversi stalls u attivitajiet għat-tfal. It-Tinda se tintrama l-Ġimgħa u se jkun hemm l-uffiċċjali tal-LESA sas-1.00a.m. minħabba li ma jaħdmux fil-ħinijiet ta wara. Tqassmu wkoll l-brochures f'kull dar madwar Għawdex. Se jkun hemm photobooth fejn il-pubbliku jista jieħu ritratt mal-Pet tiegħu għal prezz ta' €2.50 bil-flus kollha jmorru għal NGO's tal-annimali.

Is-Sindku Victor Curmi semma li ċċelebrazzjoni tal-Festa kienet waħda sabiħa ħafna. Grazzi għal prekawzzjonijiet dwar l-immaniġġjar ta' Traffiku bil-ħidma tal-uffiċċjali tal-LESA, TM u l-pulizija u l-volum ta' traffiku li kien hemm, kollox mexa tajjeb. Il-Kunsillier Kevin Cutajar semma li fil-laqgħa mal-Pulizija tal-Komunita' ssemma li

kellhom jinħarġu t-tickets lill-vetturi li minkejja t-tabelli tan-no parking, ipparkjaw fit-Tafla. Il-Kunsilliera Francienne Muscat semmiet li diversi nies semmew li ma kienx hemm biżżejjed Bins fil-Pjazza. Is-Sindku Victor Curmi qal li kien hemm 40 bin. Sena oħra naħsbu għal aktar.

Is-Sindku Victor Curmi informa lill-membri li minħabba raġunijiet li ma għandux kontrol fuqhom, Togħma Tradizzjonali mhux se ssir din is-sena.

Rigward li l-Autumn Fest, ġie deċiż li din issir il-Ħadd, 2 ta' Novembru 2025. Is-Segretarju Eżekuttiv semmiet li hemm bżonn li jkun hawn impjegat biex jieħu ħsieb l-organizzazjoni tal-attivitajiet għaliex is-Segretarju Eżekuttiv ma jistax jerfa wkoll l-irwol ta' organiser u jħalli x-xogħol tiegħu.

**20.8 Qari tal-Korrispondenza u lmenti mir-residenti;**

- Talba għall-Kumpens mingħand resident – Tibdil ta' tyre għal prezz ta' €65. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lir-resident sabiex jipprovdi rapport tal-pulizija kif ukoll kull evidenza dwar il-każ.

- Talba għall-kollaborazzjoni mingħand Għaqda Milied fix-Xagħra għall-programm tal-Milied 25. Kien hemm qbil sabiex nikkolaboraw.

- Imejl mingħand Joseph Refalo dwar il-problema tal-ilmijiet li qed jiġi milqugħ fl-għelieqi tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li bħal ma ġie maqbul fl-aħħar laqgħa, saret talba lill Onorevoli Dr. Miriam Dalli għal-l-għajnuna.

- Imejl mingħand resident biex tiġi nstallata Bozza fi Sqaq off Triq Bertrija. Ser napplikaw mal-Awtorita' tal-artijiet biex naraw hux privat jew pubbliku.

- Risposta mil-Awtorita' tal-Artijiet dwar Sqaq fi Triq Gajdoru. Ġejna nfurmati li dan is-sqaq huwa privat.

- Il-Librerija ngħatat ħames kotba mingħand il-Professur Friġġieri.

- Talba mingħand resident sabiex jieħu ħsieb parti mil-ġnien pubbliku li hemm qrib il-lukanda tiegħu fi Triq Marsalforn. Is-Sindku semma li ma jsibx oġezzjoni sakemm d-devoluzzjoni tal-ġnien jibqa tal-Kunsill. Kien hemm qbil dwar dan.

- Imejl mingħand residenta dwar il-bżonn ta' tindif regolari fi Triq Ġużepp Diacono.

- Tweġiba għal-imejl tagħna mingħand it-trades office dwar il-lockers tar-Ramla. Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

- Talba mingħand resident fi Triq Bullara fejn qed jiġbdu l-attenzjoni dwar periklu li qed jinħoloq meta jkun hemm il-karozzi pparkjati matul it-triq. Din it-talba intbgħatet lill-TM bħala l-Awtorita kompetenti.

- Imejl mingħand Xagħra FC dwar il-ħsara li ġarbu fil-playing field matul il-jiem tal-festa. Is-Seg. Eżekuttuv infurmat lill-membri li talbet lil FC sabiex jipprovdu estimi tal-ispejjez msemmija li għadha ma rċevitx. Din it-talba terġa titressaq meta l-Kunsill jirċievi dan l-estimu.

- Ċirkulari Numru AKL2025/052 dwar tiġdid tal-karti tal-identita li se jiġi offrut fil-Kunsilli. Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

- Talba għall-kollaborazzjoni minn Shannon Petticrew, awtur ta kotba tat-tfal. Dawn il-kotba se jkunu dwar il-villaġġi f'Malta li jinkludi x-Xagħra. Kien hemm qbil biex nitolbu sample tal-ktieb.

- Talba biex issir mera quddiem il-garaxxijiet li jinsabu fi Triq Ghajn Qamar. Jekk hemm qbil mis-sid ta' fejn trid teħel, il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni.

- Dipartiment tal-Gvern Lokali nfurmana li l-applikazzjoni tagħna għal iskema SPI/SCI/04/2025 – Finanzjament Milied 2025 ġiet approvata.

- Ittra minn resident dwar azzjoni meħtieġa fi Triq in-Negħnus. Dan dwar ingombru ta' skip mimli kif ukoll vettura mgħottija. Din l-informazzjoni għaddiet għand il-Pulizija tal-Kommunita'.

- Talba mingħand Rev. Arċipriet sabiex il-Kunsill jgħin fit-tindif tal-pjazza fl-okkazjoni tal-pussess tiegħu nhar it-12 ta' Ottubru. Kien hemm qbil dwar dan.

- Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li s-sinjali s-sofor ta' ħdejn il-cat house saru. TM infurmawna li hemm bżonn naraw li nġibu l-permessi meħtieġa għal cat house. Għalhekk ħadna ħsieb li applikajna għad-DNO.

- Kontijiet li ppreżenta Road Construction, li ġejjin minn snin 2007 u li qed jgħid li għadhom dovuti lilu mill-Kunsill, liema ammont jammonta għal €297,471.09 . Din il-materja ġiet diskussa, fejn il-Kunsill ma jistax japprova kontijiet ta' xogħolijiet li saru snin ilu mingħajr ma jafu b'ċertezza jekk dawn tħallsux u min se jiċċertifikhom. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat ukoll li hemm diffikulta' biex jitqabblu l-kontijiet u l-bilanċi dovuti fuq Triq Marsalforn, peress li file bid-dokumenti miġburin ma sabitx. Ġie deċiż li naraw x'hemm fil-kotba tal-Kunsill u ssir laqgħa bejn dawk kollha nvoluti biex wieħed jara eżattament x'inhuma u jittieħed ukoll parir legali.

- Is-Segretarju Eżekuttiv semmiet li l-Kuntratt tal-Accountant u tal-Accountant Technician għalqu u kien hemm qbil li jsir estensjoni għal sena oħra, hekk kif hu stipulat fl-istess kuntratt. Spjegat li fis-sitwazzjoni li qegħdin, il-Kunsill żgur li ma jistax jibdel l-accountant għaliex hu l-aktar persuna li jista joffri nformazzjoni finanzjarja.

- Is-Segretarju Eżekuttiv semmiet ukoll li l-Kunsill ma għandux Fixed Asset Register u hemm bżonn li jsir. Kien hemm qbil dwar dan.

**Talbiet u Lmenti**

56 – Resident jissuġġerixxi sleeping police fejn hemm JVJ Qasam Dun Anton, kien hemm waħda u nqalat. – Kien hemm qbil li nressqu t-talba lil TM

57 – Resident fi Triq Sruġ li qed jissuġġerixxi li jsir doggy bin – Nistaqsu fejn jista jeħel.

58a – Talba għal sleeping police fi Triq Sruġ – Peress li tgħaddi l-bus ma tistax issir.

58b – Talba għal zebra crossing fi Triq il-Knisja fejn hemm il-bus stop – Qed isir it-Traffic Management taż-żona.

59 – Talba biex tinżabar il-ħarruba ta' ħdejn il-Mitħna minħabba li qed jitilgħu r-rodenti fil-propjeta tagħha. – Nġibu l-permess mill-ERA

60 – Talba għal Żebra crossing f'kantuniera ta' Triq Ġnien Imrik. – Zebra crossing ġo kantuniera ma jiġux approvati minn TM.

**20.9 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fit-20.30pm u ġiet aġġornata għal-Ħamis, 30 ta' Ottubru 2025 fis-17.00pm

Konfermati illum 30 ta' Ottubru 2025

IFFIRMATA

Victor Curmi
Sindku

IFFIRMATA

Heidi Grech
Segretarju Eżekuttiv